MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 58/2007

Kawza fil-lista: 40

**A B C**
**vs**
**D E *sive* F C**

**Il-Qorti,**

Preliminari.

Rat ir-rikors guramentat[1] tal-attur li permezz tieghu talab lil Qorti:-

"Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet li ghandha htija taghhom il-konvenuta kif hawn fuq spjegat;

[1] Fol. 1

Tafda lill-attur il-kura u l-kustodja taz-zewg uliedu rrunun G u H;

Tiddetermina l-access ta' l-ulied ghal ommhom il-konvenuta taht is-supervizjoni ta' l-attur missierhom sakemm martu l-konvenuta tiehu l-kura medika u psikoterapewtika necessarja sabiex jghinuha tiehu r-responsabilita ta' uliedha b'mod maturita' min joqghod fuqu;

Tordna li l-access m 'ghandux ikun fil-prezenza tal-partner ta' l-intimata jew ma' xi habib maskili iehor li jista' jkollha fil-futur;

Tahtar child psychologist sabiex taghmel assessment tat-tfal bil-ghan li anke hi taghmel is-suggeriment taghha lil din il-Qorti ghal-ahjar interess tat-tfal;

Tordna lill-konvenuta thallas manteniment ghal uliedha f'ammont li jigi likwidat mill-qorti;

Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet li tahseb ghalihom il-ligi fosthom dawk taht l-artikolu 48, 51, 52 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet, mhux bilfors indaqs, li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imsemmija fis-seba' (7) talba, u jekk ikun mehtieg tahtar periti ghal dan il-ghan;

Tipprojbixxi lill-konvenuta milli tkompli tuza kunjom l-attur u dan skond l-art. 62(2) tal-Kodici Civili;

Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircevi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvenuta f'kaz ta' kontumacja;

Tordna l-bejgh bil-licitazzjonni ta' l-assi immobbli f'kaz li jirrizulta li dawn ma jistghux jigu komodament divizi.

Tikkundanna u tordna l-konvneuta tirrestitwixxi lill-attur il-proprjeta parafernali kollha tieghu.”

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti tal-attur.

Rat in-noti guramentati tal-partijiet.

Rat ir-risposta guramentata u l-kontro-talba tal-konvenuta anness maghhom il-lista tax-xhieda2 fejn il-konvenuta eccepiet is-segwenti:

“1) Illi hija taqbel illi ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet indikati mir-rikorrent;
Illi r-rikorrent huwa responsabbi ghat-tifrik taz-zwieg meta irrenda ruhu hati ta’ sevizzi, eccessi, minaccji u ingurji gravi;
Illi r-rikorrent qieghed jkompli jingurjha talli qieghed jesponi fatti mhux veritjerji;
Illi hija topponi illi l-kura u kustodja tat-tfal minuri tigi fdata f‘idejn ir-rikorrent peress illi mhuwiex persuna idonja u kif ukoll peress illi hija dejjem hadet hsieb it-trobbija tat-tfal minuri;
Illi hija tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta’ dina l-Qorti f’dak li jirrigwarda ir-raba’ talba b’dan pero’ li tali eskluzjoni ghandha tkun reciproka gahz-zewg partijiet u minghajr ebda ammissjoni li hija hatja ta’ adulterju;
Illi rigward il-hames talba ghan-nomina ta’ child psycologist hija ma’ topponiex;
Illi hija topponi is-sitt talba;
Illi hija topponi is-seba’ talba stante illi hija ma’ hijiex hatja tal-ksur taz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti;
Illi hija ma’ topponiex ghat-tmien talba b’dana illi ma’ ghandhomx jigu applikati sanzjonijiet fil-konfront taghha peress illi hija ma’ hijiex hatja tal-ksur taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet;
Illi hija ma’ toggezzjonax illi tirriverti ruhha ghal kunjomha xbubitha b’dana illi m’ghandhux jigi applikat l-Artikolu 62 (2) tal-Kodici Civili;

[2] Fol. 31

Illi hija ma’ topponiex ghall-ghaxar talba;
Illi hija topponi ghall-hdax-il talba stante illi ma’ hemm ebda ass immobbli li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti;
Illi fir-rigward tal-hdax-il talba hija diga’ stiednet lill-attur sabiex jiehu l-proprjeta’ parafernli tieghu li tinsab fid-dar matrimonjali.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Fil-kontro-talba mbaghad l-konvenuta qeghda taghmel is-segwenti talbiet:

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet gravi u imputabbli lir-rikorrent rikonvenzjonat fosthom eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi u ukoll ghaliex z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;
Tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri G u H f’idejha bi dritt ta’ access lill-attur;
Tikkundanna lir-rikorrent rikonvenjonat jhallas manteniment ghaliha u ghat-tfal minuri skond il-mezzi tal-attur u tordna li l-manteniment hekk likwidat jinqata’ direttament mill-paga tar-rikorrent rikonvenut;
Tikkundanna lill-attur jhallas ghall-ispejjez edukattivi u medici kollha tat-tfal minuri sakemm dawn jibqghu dipendenti mill-partijiet;
Ixxolji u tittermina l-kommunjoni tal-akkwsiti bejn il-partijiet prevja n-nomina ta’ periti nominandi sbaiex jistmaw il-proprjeta’ formanti parti mill-komunjoni tal-akkwsit bejn il-partijiet, tillikwida l-assi ezistenti fl-istess komunjoni tal-akkwisti u tassenja n-nofs indiviz tal-imsemmija assi lil kull wiehed mill-partijiet bin-nomina ta’ nutar biex jippubblika l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumacji fuq l-istess att;
Tillikwida l-assi parafernali tal-esponetni u tassenjahom lill-istess esponenti;
Tawtorizza lill-esponenti sabiex tabita fid-dar matrimonjali li hija parafernai taghha u cjoe’ numru 293, Ruya, Trqi l-Isqof Caruana, Zebbug ad esklussjoni ta’ zewgha;
Tapplika kontra l-attur s-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48, 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili.
Bl-ispejjez kontra r-rikorrent rikonvenut.

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta.[3]

Rat ir-rapport tal-Psikologa Klinika Carmen Sammut nominata minn din il-Qorti b'digriet tal-5 ta' Dicembru 2007.[4]

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu innominat bhala perit legali lil Dr Tanya Sammut Catania li min-naha taghha pprezentat ir-rapport peritali taghha fis-6 ta' Frar 2012[5] wara li semghat il-provi kollha f'din il-kawza.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet.[6]

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Fir-rapport taghha l-abbli Perit Legali ghamlet rassenja dettaljata tax-xhieda kollha imressqa mill-partijiet intestata "Provi".[7] A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel taghha ir-rassenja maghmula fir-rapport peritali li tinsab minn fol. 1231 sa fol. 1262 tal-process.

Ikkunsidrat.

1. Responsabbilita' ghat-Tifrik taz-Zwieg.

Il-partijiet izzewgu fit-3 ta' Ottubru 1998.

Fix-xhieda taghha[8] l-konvenuta tammetti li qabel it-tieg kellha dubji serji kemm verament riedet tizzewweg lill-attur. Tghid illi waqt li kienu qed ilestu d-dar matrimonjali

[3] Fol. 39
[4] Fol. 233
[5] Fol. 1221
[6] Fol. 1289 u Fol. 1309
[7] Fol. 1231 et. seq.
[8] Affidavit tal-konvenut a fol. 622

futura taghhom hija kienet qed tahsibha serjament jekk tkompliex bl-gherusija u dan ghaliex kellha dubji serji jekk kenitx thobb lill-attur. Dan wassal biex sahansitra gurnata qabel it-tieg waqt festin organizzat mill-genituri taghha kien hakimha biza' kbir u dubji. Tghid li "dak li kont qed inhoss minn xhur qabel kien ghadu hemm anzi iktar qawwi…Hafna drabi f'rasi ridt nahrab imma kien tard wisq. Fuq l-artal kont eccitata hafna u meta wasalna biex naghtu l-kunsens minflok ridt indur u nahrab".

B'dawn id-dubji serji lill-attur ma qaltlu xejn u c-celebrazzjoni taz-zwieg sehhet kif kien ippjanat. Izda sfortunatament ghall-partijiet, u aktar u aktar ghall-ulied li gabu fid-dinja aktar 'il quddiem, iz-zwieg mertu tal-kawza odjerna beda jikrolla mill-ewwel granet. Kif tajjeb osservat il-Perit Legali fir-rapport peritali taghha, il-partijiet stess jirrikonoxxu illi proprju mill-granet ta' qamar il-ghasel taghhom li qattghu barra minn Malta beda' l-inkwiet bejniethom. M'hemmx kuntrast bejniethom illi wara li gie kkunsmat iz-zwieg l-attur staqsa lill-konvenuta jekk thossx li dak li kienu ghadhom kemm ghamlu, ghamluhx ta' bil-fors. Waqt dan il-qamar il-ghasel taghhom il-partijiet kellhom diversi argumenti tant illi l-konvenuta kienet qalet lill-attur li riedet tinzel lura Malta u tibda l-procedura tas-separazzjoni. Il-konvenuta ma bdietx thossha komda mal-attur minn dawk l-ewwel granet taghhom flimkien. Meta l-patijiet gew lura minn qamar il-ghasel il-hsieb tal-konvenuta kien li tibda l-proceduri ghas-separazzjoni izda bidlet il-hsieb ftit wara meta skopriet li f'qamar il-ghasel kienet harget tqila.

Qamar il-ghasel tal-partijiet, minflok jiem ta' serenita' u opportunita' sabiex jikkonsolidaw ir-relazzjoni matrimonjali taghhom, kienu jiem ta' tensjoni kbira li fil-fehma tal-Qorti halla effett negattiv notevoli fuq il-hajja matrimonjali futura tal-partijiet.

L-attur jakkuza lill-konvenuta illi filwaqt li waqt l-gherusija il-konvenuta kellha karattru pjacevoli, minn wara z-zwieg il-karattru taghha inbidel totalment u jghid li l-konvenuta kienet tbati minn burdati kbar. Min-naha taghha l-konvenuta takkuza lill-attur illi minn meta irritornaw lura

Malta minn qamar il-ghasel il-konvenut ma kienx iqatta' hin maghha. Meta jigi mix-xoghol kien jintefa quddiem il-kompjuter.

Mill-bidunett il-hajja matrimonjali tal-partijiet kienet disfunzjonali. Jirrizulta illi f'dawk l-ewwel gimghat u xhur taz-zwieg l-unika raguni li zammet lill-konvenuta milli tibda proceduri ta' separazzjoni kien biss minhabba t-tqala taghha, tqala li skond hi ma kenitx ippjanata. Mill-asjem tal-provi imressqa mill-partijiet il-Qorti hi tal-fehma illi id-dubji serji li l-konvenuta kellha dwar jekk kenitx thobb lill-attur garrithom maghha ghal wara z-zwieg bil-konsegwenza li dawn kellhom influwenza notevoli fuq il-mod kif hi kienet qed tirrelata mal-attur quotidjanament. L-attur irreagixxa billi kien jirrifjuta l-intimita' bejniethom u minflok kien iqatta hin jara siti pornografici fuq l-internet tant li kien hemm xi drabi li l-konvenuta qabditu jaghmel dan. Ghalkemm huwa kien weghda li mhux ser jirrepeti tali agir fil-fatt regghat qabditu.

Dawn il-problemi ta' bejn il-partijiet tmewtu xi ftit mat-twelid tal-ewwel tarbija izda ma damux ma regghu bdew. Il-partijiet jaqblu illi l-intimita' ta' bejniethom kienu okkazzjonijiet rari u boghod minn xulxin kultant xhur. L-attur jispjega li huwa ma kienx ifittex lill-martu b'mod intimu peress li ma kienx ihoss li ghandu jaghmel hekk fl-isfond tat-tghajjir u attegjament hazin da parti taghha fil-konfront tieghu u tal-familja tieghu. Ragunijiet ohra li jgib l-attur ghaliex kien jevita l-intimita' mal-konvenuta huma minhabba dak li hu jsejjah nuqqas ta' igene da parti taghha u minhabba li kienet tkun nervuza. Il-konvenuta kienet issuggeriet illi jmorru ghand sesswologu izda l-attur irrifjuta ghaliex jghid li kien ihossu insolentat meta kienet tghajru dwar dan il-fatt.

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm l-attrici tammetti li kellha hafna dubji qabel izzewget pero' ma taghtiex spjegazzjoni cara minn xhiex kienu gejjiin dawn id-dubji. Tammetti wkoll fl-affidavit taghha illi "hassejt li ma kontx inhobbu bhala zewgi imma inhobbu biss bhala habib".

Jirrizulta illi l-konvenuta ghaddiet minn perijodi ta' 'ante-natal' u 'post-natal depression' tant li kienet taht il-kura ta' Dr Ether Felice. Minn ezami tax-xhieda tal-attur il-Qorti hi tal-fehma li l-attur m'gharafx jiddistingwi bejn kondizzjoni medika li fuqha l-konvenuta ma kelliex kontroll u aspetti tal-kararttru tal-konvenuta li ghall-attur kienu insopportabbli.

Dwar l-adulterju kommess mill-konvenuta hemm kuntrast bejn il-partijiet dwar meta bdiet ir-relazzjoni extra-konjugali tal-konvenuta ma' terza persuna. Il-konvenuta issostni li din ir-relazzjoni hija bdietha wara li l-partijiet isseparaw de facto. Hija pero' aktar attendibbli l-verzjoni li ta l-attur fis-sens illi qabel mal-attur allontana ruhu mid-dar matrimonjali il-konvenuta ammettiet mieghu fi Frar 2006 li kienet saret thobb ragel iehor u li kienet iltaqet mieghu fuq l-internet u kienet diga bdiet tohrog mieghu. L-attur isemmi okkazzjoni meta kien ghadu d-dar u f'jum il-Hadd il-konvenuta harget wahedha il-gurnata kollha minghajr ma qaltlu fejn kienet sejra. Kien ukoll sabilha xi karti ta' hotel.

Il-Qorti qed taccetta l-verzjoni tal-attur illi kien biss meta l-konvenuta hedditu li titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tghix mal-habib taghha li huwa allontana ruhu mid-dar matrimonjali sabiex it-tfal minuri ma jiccaqalqux minn fejn kienu qed jabitaw. Skond l-attur huwa kien ha dan il-pass sabiex jaghti cans lill-konvenuta tahsibha sew u kien ukoll fittex ghajnuna minghand il-Moviment ta' Kana pero' jidher car illi f'dak il-mument kien tard wisq sabiex iz-zwieg jigi salvat.

Bhala konkluzzjoni fuq l-aspett tal-vertenza li jirrigwarda r-responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet il-Qorti hi tal-fehma illi iz-zwieg tkisser tort taz-zewg partijiet minhabba inkompatibilita' kbira ta' karattru. L-attur ikkontribwixxa ghat-tkissier taz-zwieg bl-attegjament negattiv li kien ha fil-konfront tal-konvenuta illi impedixxa kwalunkwe possibilita' ta' rimedju. Ir-rifjut tal-attur mill-bidunett li jirrikorru ghal ghajnuna professjonali wisq probabli eliminat l-uniku possibilita' li l-partijiet kellhom li jaghmlu tentativ sabiex isalvaw iz-zwieg taghhom.

Konsidrat li l-konvenuta ghaddiet minn perijodi ta' dipressjoni kagunati mit-tqala taz-zewg ulied il-partijiet kif ukoll minn 'miscarriage', l-attur m'gharafx li dawk setghu kienu il-mumenti krucjali sabiex il-partijiet jibdew jirrimedjaw id-diffikultajiet matrimonjali taghhom li probabilment sa dak iz-zmien kienu ghadhom fl-istadju li jigu rimedjati tant li l-partijiet qablu, fuq insistenza tal-konvenuta, li jkollhom it-tieni tarbija. Il-konvenuta ikkontribwit ghat-tkissir taz-zwieg l-ewwelnett ghaliex dahlet ghaz-zwieg meta kellha tant dubji serji dwar jekk riditx tqatta hajjitha mal-attur. Kompliet tikkontribwixxi bl-attegjament negattiv taghha fil-konfront tal-attur u l-membri tal-familja tieghu. Filwaqt li f'certu perijodi l-attegjament u l-komportament negattiv taghha fil-konfront tal-attur jista' jkun skuzat minhabba dak li Dr Felice iddeskrivit bhala 'ante-natal depression' u 'post-natal depression'; f'perijodi ohra l-konvenuta ma kenitx qed tbati minn tali kondizzjoni u kienet kontinwament tohloq glied u argumenti mal-attur.

Fil-fehma tal-Qorti il-problemi matrimonjali tal-partijiet lahqu il-qofol taghhom meta filwaqt li l-partijiet kienu ghadhom qed jabitaw taht l-istess saqaf il-konvenuta ikkommettiet adulterju u bdiet relazzjoni extra-matrimonjali ma' terza persuna. L-adulterju tal-konvenuta ta d-daqqa mortali liz-zwieg tal-partijiet u huwa ghalhekk illi l-Qorti, filwaqt li tikkonsidra li z-zewg partijiet kienu jahtu ghat-tkissir taz-zwieg taghhom, tikkonsidra r-responsabbilta' tal-konvenuta ghat-tifrik taz-zwieg bhala li hija akbar minn dik tal-attur.

Kura u Kustodja tal-Minuri.

L-attur isostni illi l-konvenuta ma hiex kapaci tassumi r-responsabbiltajiet ta' omm minhabba il-problemi mentali li l-attur jallega li ghandha. Dawk li l-attur isejhilhom problemi mentali tal-konvenuta irrizulta illi huma relatati mat-tqala u mal-miscarriage li l-konvenuta kellha. Il-Psikjatra Dr Ethel Felice kienet irrilaxxjat certifikat mediku datat 26 ta' Gunju 2006 li fih iccertifikat li l-konvenuta ma kenitx ghadha qed tbati minn 'depression'. Fis-seduta

tat-12 ta’ Settembru 2007 l-istess Psikjatra xhedet illi l-konvenuta kienet ghaddiet minn perijodi ta’ dipressjoni relatati mat-tqala li kellha.

Il-Psikologa Klinika Carmen Sammut, nominata minn din il-Qorti sabiex tezamina lill-konvenuta fuq l-allegazzjonijiet tal-attur, ikkonkludiet illi:

“Il-laqghat li kelli mal-konvenuta, kif ukoll mir-rizultati tat-testijiet psikologici li ghamlet, ma rriflettewx xi diffikultajiet psikologici kbar li jidhru li qed jfixkluwha fil-hajja personali taghha, kif ukoll fir-rwol taghha ta’ genitur. It-tendenzi istrionici riflessi fil-MCMI-III, filwaqt li gew klinikament sinifikanti u dan jimplika li jinfluwenzaw l-imgieba tal-persuna, ma gewx qawwijin tant li jindikaw xi forma ta’ patologija tal-personalita’.”9

Ma rrizulta xejn li jwassal lill-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta ghandha kondizzjoni psikjatrika patologika li tirrendiha mhiex kapaci tiehu hsieb it-tfal. It-tfal ghadhom sallum jabitaw mal-omm fid-dar matrimonjali.

Hija korretta u kondiviza minn din il-Qorti l-opinjoni tal-Perit Legali10 illi tant il-partijiet involvew lit-tfal taghhom fis-separazzjoni ta’ bejniethom illi ser ihossu l-effetti ta din is-separazzjoni fil-futur. It-tfal intuzaw miz-zewg partijiet ghall-iskopjiet egoistici taghhom dwar liema hemm deskrizzjoni dettaljata fir-rapport peritali.11

Izda wara snin ta’ konflitti aspri bejn iz-zewg genituri fir-rigward ta’ min ser jiehu kontroll tat-trobbija taz-zewg ulied komuni, jidher li llum il-gurnata l-incidenza ta’ incidenti bejn il-partijiet hija rari. Ghalkemm xorta ghad hemm element ta’ rabja qawwija bejniethom jidher li llum il-gurnata iz-zewg partijiet qed jikkonvergu f’dak li jirrigwarda t-tfal taghhom. Fir-rapport peritali taghha l-Perit Legali tesprimi l-opinjoni li fil-fehma taghha jkun ahjar jekk il-kura u kustodja taz-zewg minuri tigi affidata esklussivament lill-konvenuta u dan minhabba l-fatt li

[9] Fol. 233
[10] Fol. 1272
[11] Xhieda Mark Anthony Bilocca u transcripts a fol. 294 u fol.425)

hemm nuqqas serju ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet li jirnexxielhom ma jiftehmu fuq xejn anke dwar x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Ezempju wiehed minn hafna huwa l-fatt li l-partijiet ma qablux x'inhu jikkawza l-qtugh ta' nifs lit-tifel iz-zghir taghhom bil-konsegwenza li lanqas qablu x'kura ghandu jircevi.

Il-preokkupazzjoni tal-Perit Legali hija kondiviza mill-Qorti izda fl-istess hin hija tal-fehma li fic-cirkostanzi prezenti jkun ahjar li l-kura u kustodja tigi affidata liz-zewg genituri flimkien bir-residenza primarja mal-omm u b'access adegwat lill-missier.

L-attur ghandu dritt illi jkun informat direttament bil-progress edukattiv tal-minuri mill-iskejjel rispettivi taghhom u ghandu dritt li jattendi ghal parents' day u attivitajiet ohra organizzati mill-iskejjel taghhom.

Access.

Huwa fl-interess tal-minuri li jkollhom access adegwat mal-missier. B'konsistenza ma' dak li qed isehh bhalissa fir-rigward tal-access, il-Qorti hija tal-fehma li l-minuri ghandu jkollhom access ghall-missierhom mis-Sibt fid-9.00 a.m. sat-Tnejn filghodu sakemm imorru l-iskola, bi 'sleep overs' ghand il-missier u nhar ta' Erbgha bejn il-5.30 p.m. u s-7.30 p.m.

L-attur ghandu jkollu access ghall-minuri matul nofs il-granet li fihom il-minuri jkollhom vaganzi skolastici matul is-sena skolastika, liema granet ghandhom jigu miftehma bejn il-partijiet; filwaqt li fil-vaganzi tas-sajf l-attur ghandu, b'addizzjoni mal-access normali, jizdiedlu access ta' gimghatejn shah matul liema perijodu it-tfal imorru ghand ommhom darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn kull darba sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod iehor. Fil-father's day u f'gheluq snin l-attur il-minuri ghandhom iqattghu il-gurnata mal-attur filwaqt li fil-mother's day u f'gheluq snin il-konvenuta il-minuri ghandhom iqattghu il-gurnata mal-konvenuta. F'gheluq snin il-minuri l-attur ikollu dritt ta' access ghal tlett sieghat.

Manteniment.

Jirrizulta li l-konvenuta ma tahdimx filwaqt li l-attur ghandu paga netta ta' circa Eur.1,731.00 fix-xahar. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta tippercepixxi circa Eur.426.00 fix-xahar bhala beneficcji socjali ghaliha u ghal uliedha. It-talba tal-konvenuta ghall-manteniment taghha ghandha tigi michuda primarjament ghaliex irrizultat relazzjoni extra-matrimonjali taghha, oltre l-fatt li l-konvenuta ghadha kapaci tahdem.

Dwar il-manteniment li l-attur ihallas lill-konvenuta fir-rigward tat-tfal jirrizulta li skond digriet pendente lite l-attur qed ihallas lill-konvenuta s-somma ta' Eur 279.45 fix-xahar, oltre l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri. Tenut kont li l-ispejjez tal-ulied gradwalment jizdiedu il-Qorti ser tiffisssa l-manteniment li l-missier ghandu jhallas ghaz-zewg ulied minuri fis-somma ta' Eur 150.00 fix-xahar ghal kull wild, li jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja, oltre l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u sahha.

Il-konvenuta ghandha tippercepixxi kwalunkwe beneficcju socjali inkluz children's allowance rigwardanti iz-zewg minuri.

Dar Matrimonjali.

Id-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tal-mara. Hemm qbil bejn il-partijiet illi sakemm kienet ghadha fi stat ta' gebel u saqaf l-attur ma harigx spejjez fuq din il-proprjeta' liema spejjez sa dak l-istadju kienu gew sborzjati esklussivament mill-genituri tal-konvenuta.

Mill-atti jirrizulta li l-attur ghamel diversi xogholijiet manwali f'din il-proprjeta' bl-ghajnuna tal-konvenuta u familjari taghha u ta' missier l-attur li kien mar xi drabi jghinhom ukoll. Il-konvenuta taqbel li l-konvenut kien ghamel diversi xogholijiet qabel iz-zwieg sabiex il-post tlesta u gie rez abitabbli.

L-attur xhed illi huwa kien jmur wara l-hin tax-xoghol u wara l-'overtime' li kien jaghmel dak iz-zmien tal-gherusija sabiex jahdem fil-post u mieghu kien ikun hemm hafna drabi l-konvenuta. L-attur ipprezenta diversi ricevuti tal-materjal li nefaq u qieghed jitlob li l-konvenuta, qua sid il-fond immobiljari, thallsu tal-materjal li nefaq kif ukoll kumpens ghax-xoghol li ghamel.

L-ispejjez li l-konvenut ghamel huma s-segwenti:-

Eur. 28,495.09 - spejjez qabel iz-zwieg12
Eur. 4,900.89 - sehem l-attur mill-ispejjez li saru waqt iz- zwieg.13

Il-konvenuta ma taqbilx ma' dawn il-figuri. Issostni li l-ispejjez li hareg l-attur qabel iz-zwieg huma ta' Eur. 5,683.67 (ekwivalenti ghal Lm2,440)14 u mhux Eur. 28,495.09. Dwar Dok. PMB 3 pprezentat mill-attur il-konvenuta taghmel elenku ta' fejn hija ma taqbilx ma' dan il-prospett li b'kollox jammonta ghal Lm1,305 ekwivalenti ghal Eur.3,039.83.

Fir-rigward tax-xoghol manwali li l-attur ezegwixxa fil-fond matrimonjali filwaqt li ma tichadx li dan sar tikkontesta r-rata li biha ikkalkula l-hidma tieghu l-attur.

L-attur jispjega fin-nota guramentata tieghu illi l-kalkolu minnu maghmul huwa bbazat fuq ir-rata ta' Eur.11.65 fis-siegha. Jaghti wkoll rendikont dettaljat tac-cekkijiet u transazzjonijiet minn kontijiet bankarji tieghu.15

Filwaqt li l-konvenuta qalet li qed tikkontesta l-pretensjoni tal-attur fir-rigward tax-xogholijiet relatati mad-dar matrimonjali, la resqet provi biex tikkuntrasta l-provi tal-attur fir-rigward u lanqas talbet in-nomina ta' perizja teknika. L-oggezzjonijiet tal-konvenuta ma humiex fil-fehma tal-Qorti gustifikati. Fic-cirkostanzi l-Qorti ghalhekk

[12] Dok. PMB 3 a fol. 26
[13] Dok. PMB1 a fol. 23
[14] Dok. MRB1 a fol. 128
[15] Fol. 428 et. Seq.

tikkonkludi li l-attur irnexxielu jissostanzja l-pretensjonjiet tieghu dwar dak li ghandu dritt ghalih fir-rigward tad-dar matrimonjali.

Ghalhekk fir-rigward tad-dar matrimonjali l-attur huwa kreditur tal-konvenuta fis-somma ta' Eur.33,395.98

Oggetti Parafernali tal-Attur.

L-attur ipprezenta elenku tal-oggetti parafernali tieghu li jinsabu fid-dar matrimonjali.16 Il-konvenuta taqbel li dawn huma oggetti parafernali tal-attur hlief ghal gradenza antika li skond l-attur hija tieghu filwaqt li l-konvenuta ssostni li giet moghtija lilha miz-zija tal-attur. L-attur iddikjara illi kien sar xoghol fuq din il-gradenza matul iz-zwieg u sehem il-konvenuta minn dawn l-ispejjez huwa ta' Lm135.00. Il-konvenuta ma kkuntrastatx din ic-cifra. Il-Qorti tqis il-verzjoni tal-attur f'dan ir-rigward aktar kredibbli mill-konvenuta ghaliex huwa aktar verosimili li z-zija tal-attur tirregala bicca ghamara antika lin-neputi taghha milli lill-mara tan-neputi. Ghalhekk il-gradenza ghandha titqies li hi parafernali tal-attur bi kreditu favur il-konvenuta ta' Eur.314.42

L-attur qed jippretendi wkoll minghand il-konvenuta s-somma ta' Eur. 7,105.80 rapprezentanti flus li hareg l-attur qabel iz-zwieg inkluz spejjez relatati mal-honeymoon u t-tieg. Fil-fehma tal-Qorti dawn m'humiex spejjez rekuperabbli minghand il-konvenuta stante li ma arrikkewx il-patrimonju tal-konvenuta.

Komunjoni tal-Akkwisti.

a) Garaxx, Triq Gdida fi Triq l-Isqof Caruana, Haz-Zebbug, Malta.

Dan il-garaxx huwa l-unika proprjeta' immobiljari li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet. Is-self

[16] Dok. PMB5 a fol. 28

bankarju li l-partijiet kienu hadu biex akkwistawh llum jinsab saldat. Fil-bidu ta' dawn il-proceduri l-attur kien ta stima ta' Eur.18,635 ghal dan il-garaxx liema stima l-konvenuta kienet qablet maghha. Pero' wara li ghadda numru ta' snin minn dik l-istima jkun ekwu li tinghata l-opportunita' li l-garaxx jinbiegh fis-suq liberu u jekk dan ma jsehhx allura l-garaxx jinbiegh bis-subbasta.

b) Premiums imhallsa minn assi tal-komunjoni ghal polza ta' assikurazzjoni privata tal-attur.

Jirrizulta li waqt iz-zwieg thallsu premiums fil-valur ta' Eur.6,050 ghal polza ta' assikurazzjoni parafernali tal-attur. Peress li minn tali polza l-attrici ma hiex ser tibbenefika hija ntitolata li tircevi minghand l-attur is-somma ta' Eur. 3,025.00.

c) Kontijiet Bankarji.

Tenut kont li fil-kontijiet bankarji li irrizultaw, id-depoziti huma relativament zghar u tenut kont ukoll tal-fatt li l-partijiet ilhom is-snin separati de facto, il-kontijiet bankarji f'isem l-attur wahdu jew f'isem il-konvenuta wahedha ghandhom jigu assenjati f'isem min huma ntestati, filwaqt li l-kontijiet bankarji li jinsabu f'isem il-partijiet flimkien ghandhom jigu divizi f'ishma indaqs bejniethom.

d) Ghamara u mobbli mixtrija matul iz-zwieg.

L-attur hejja lista tal-mobbli kollha li gew mixtrija matul iz-zwieg17 korroborata b'kopja tal-ircevuti/cheques relativi. Dawn inxtraw ghall-valur komplessiv ta' Eur. 25,511.65. L-attur qed jippretendi s-somma ta' Eur. 12,755.82 minghand il-konvenuta peress li dawn jinsabu fid-dar matrimonjali li hija parafernali tal-konvenuta. Din il-pretensjoni ma jirrizultax li hija gustifikata fl-ewwel lok ghaliex l-attur mhux qed jiehu in konsiderazzjoni li l-valur tal-mobbli llum huwa deprezzat minhabba t-trapass taz-zmien minn fuqhom meta kkomparat mal-valur originali

[17] Dok. PB a fol. 24

taghhom u fit-tieni lok minhabba l-uzu taghhom in parti mill-istess attur.

Il-Qorti taqbel mal-opinjoni espressa mill-Perit Legali18 illi l-ghamara u l-oggetti mobbli appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jigi divizi bejn il-partijiet b'dan illi l-airconditioners tad-dar matrimonjali u l-ghamara tat-tfal ghandhom jittiehdu mill-konvenuta.

Il-Qorti ezaminat il-pjan ta' qasma propost mill-Perit Legali fir-rapport taghha u qed tadottah. Ghalhekk ser tordna li l-pjan ta' qasma jigi attwat kif propost.

Spejjez tal-Kawza.

Tenut kont tal-fatt illi iz-zewg partijiet instabu responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg, il-Qorti hi tal-fehma illi ghandha takkolla l-ispejjez tal-kawza liz-zewg partijiet f'sehem ugwali bejniethom.

Decide.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet attrici, mit-talbiet rikonvenzjonali u mill-eccezzjonijiet reciproci sollevati mill-partijiet bil-mod segwenti.

1. Tippronunzja s-separazzjoni ta' bejn il-kontendenti htija taz-zewg partijiet minhabba inkompatibilita' ta' karattru izda bil-htija aktar pronunzjata fuq il-konvenuta minhabba l-adulterju u r-relazzjoni extra-konjugali taghha.

2. Tordna li l-kura u kustodja taz-zewg minuri tkun kongunta bejn il-partijiet b'dan illi l-minuri jirrisjedu mal-omm b'access u drittijiet favur il-missier kif spjegati aktar qabel taht il-paragrafi intestati 'Kura u Kustodja tal-Minuri' u 'Access'.

3. Tordna lill-attur ihallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaz-zewg minuri s-somma ta' Eur 150.00

[18] Fol. 1281

fix-xahar ghal kull wild, li jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja, oltre l-ispejjez kollha rigwardanti l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri. Il-manteniment jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlqu tmintax-il sena sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrien sena jekk jibqghu isegwu kors ta' studju full-time. Tordna wkoll li l-konvenuta ghandha tippercepixxi kwalunkwe beneficcji socjali inkluz children's allowance rigwardanti iz-zewg minuri.

4. It-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti ghall-manteniment qed tigi michuda ghar-raguni fuq imsemmija.

5. Tordna lill-konvenuta sabiex tikkonsenja lill-attur l-oggetti li jinsabu elenkati f'Dok PMB 519 filwaqt li d-dar matrimonjali m'ghandiex tibqa' konsidrata bhala tali b'dan li l-attur ma baqalu l-ebda dritt possessorju fuq din il-proprjeta'.

6. Tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bil-mod segwenti:-

i) Tordna l-bejgh tal-garaxx bla numru fi Triq Gdida fi Triq l-Isqof Caruana, Haz-Zebbug, Malta, u ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet wara li jigu saldati l-krediti reciproci. Il-bejgh bis-subbasta ghandu jsir mhux aktar qabel minn sena millum sabiex tinghata l-opportunita' lill-partijiet li jbieghu il-garaxx fis-suq liberu. F'kaz li dan ma jsehhx fi zmien sena allura kull parti tkun libera li titlob li jigi ffissat jum u hin ghall-bejgh u ghall-finijet ta' valur ghandu jittiehed il-valur ta' ghoxrien elf ewro (Eur.20,000).

ii) Tiddikjara illi l-attur huwa kreditur tal-konvenuta fis-somma ta' Eur. 28,495.09 u s-somma ta' Eur. 4,900.89, komplessivament ammontanti ghal Eur. 33,395.98, rapprezentanti spejjez u valur tal-hidma tieghu fil-fond matrimonjali qabel iz-zwieg kif ukoll sehemu mill-ispejjez li nhargu wara z-zwieg fil-fond matrimonjali.

---

[19] Fol. 28

iii) Tiddikjara lill-konvenuta kreditrici tal-attur fis-somma ta’ Eur. 3,023.22 rapprezentanti sehem il-konvenuta mill-pagamenti mensili li thallsu waqt iz-zwieg bhala premiums fuq il-polza ta’ assikurazzjoni parafernali tal-attur kif ukoll tal-ispejjez relatati mal-alterazzjonijiet li saru fuq il-gradenza proprjeta’ parafernali tal-attur, dwar liema somma ghandu jkun hemm tpacija parzjali mal-ammont li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur. Tikkundanna ghalhekk lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tletin elf, tlett mija u tnejn u sebghin ewro u sitta u sebghin centezmu (Eur. 30,372.76) b’dan illi tali kundanna mhiex ezegwibbli mill-attur qabel sentejn millum sabiex taghti lok ghall-bejgh tal-garaxx fuq imsemmi.

iv) Tordna li l-mobbli appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet skond il-pjan ta’ qasma propost mill-Perit Legali fir-rapport peritali (para. 3 taht l-intestatura ‘Komunjoni tal-Akkwisti’).

v) Tordna li l-kontijiet bankarji f’isem l-attur jigu lilu assenjati, il-kontijiet bankarji f’isem il-konvenuta jigu lilha assenjati filwaqt li l-kontijiet bankarji f’isem il-partijiet flimkien jigu divizi bejn il-partijiet f’ishma indaqs bejniethom.

7. Tordna li l-konvenuta tirriverti lura ghal kujom xbubitha.

8. Tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48, 51, 52 u 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispejjez tal-kawza u kontro-talba jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------